# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 14 ta' Frar, 2019**

**Kawża Nru. 29**

**Rik. Nru. 410/15JRM**

**JAC STEEL LIMITED (C – 4665)**

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Mejju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet lil din il-Qorti (a) issib li l-għemil tal-imħarrkin, jew ta' min minnhom, li jelevaw jew b'kull mod ieħor jippruvaw jieħdu pussess ta' gaffa tal-għamla *Fiat Allis* li hija ħwejjiġha, sar lil hinn mis-setgħat tagħhom fil-liġi, kien abbużiv, u jikser il-Kostituzzjoni; u (b) li tħassar, tirrevoka u tannulla kull deċiżjoni mogħtija mill-istess imħarrkin, jew min minnhom, dwar il-qbid, l-elevazzjoni jew it-tneħħija tal-pussess tal-imsemmija gaffa minn taħt idejha. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2015[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-1 ta' Ġunju, 2015, li biha l-Awtorità mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li (a) safejn l-azzjoni tal-kumpannija attriċi saret kontra tagħha, l-azzjoni ma tiswiex għaliex għall-finijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma saritx talba b'att ġudizzjarju qabel ma nfetħet din il-kawża; (b) l-azzjoni attriċi ma tgħidx b'mod ċar x'inhi n-natura tal-azzjoni mibdija mill-kumpannija attriċi. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu għaliex il-gaffa kienet qiegħda tintuża biex jintrema skart, magħdud miegħu skart li jagħmel ħsara, ġo sit li ma huwiex faċilità maħsuba għar-rimi tal-iskart b'permess kif jaħseb l-artikolu 12(5) tal-Avviż Legali 184 tal-2011, iżda ġo sit li jgawdi minn ħarsien ambjentali mħares bis-saħħa tal-Avviż Legali 200 tal-2011 u dawk tal-Avviż Legali 146 tal-1993. Minbarra dan, ir-rimi kien jikkostitwixxi reat għall-finijiet tal-artikolu 94 tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm hu hekk, tnedew proċeduri kriminali kontra min kien qiegħed jarmi dak l-iskart. Żiedet tgħid li l-proċess tal-elevazzjoni tal-gaffa kien wieħed (i) għal kollox leġittimu, (ii) ma jikser bl-ebda mod il-Kostituzzjoni, u (iii) b'ħarsien sħiħ ma' dak li trid il-liġi, u l-obbligi li joħorġu minnha, fosthom l-artikolu 66 tal-imsemmi Kap 504;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija fid-19 ta' Ġunju, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex l-uffiċjali tal-Pulizija wettqu xogħolhom skond il-liġi kif joħorġu mill-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali u mill-Kapitolu 504 kull fejn ikun qed jitwettaq reat. Għalhekk l-egħmil ma kien u la jikser il-liġi ordinarja, la kien qiegħed isir lil hinn mis-setgħat mogħtija mill-istess liġi u wisq anqas kien qiegħed jsir bi ksur tal-Kostituzzjoni. Żied jgħid li, bħala riżultat tal-investigazzjonijiet li saru fuq il-post, irriżulta li kien qiegħed jitwettaq reat bir-rimi ta' materjal ġo sit li jgawdi minn ħarsien ambjentali u l-elevazzjoni tat-tagħmir (il-gaffa) huwa waħda mill-miżuri maħsuba mil-liġi nnifisha taħt ir-Regolament 10(4) tal-Liġi Sussidjarja 504.67 f'ċirkostanzi bħal dawn. Bħala awtorità li tħares u tissorvelja r-rimi ta' skart illegali skond il-Kap 504, l-imħarrek għandu kull setgħa li jara li l-liġi tkun tħarset minn min ikun. Temm jgħid li kienet l-Awtorità mħarrka li talbitu jieħu l-passi meħtieġa biex iressaq lil min kien imdaħħal fir-rimi tal-iskart u li fil-fatt ittieħdu passi kontrihom bil-Qorti;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-kumpannija attriċi waqt is-smigħ tal-11 ta' Novembru, 2015[2], fejn b'riferenza għall-ewwel

[1] Paġ. 5 tal-proċess
[2] Paġ. 24 tal-proċess

eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità mħarrka, ikkonferma li, qabel ma nfetħet il-kawża, il-kumpannija attriċi ma kenitx bagħtet interpellazzjoni ġudizzjarja lill-imsemmija Awtorità;

Rat id-degriet tagħha tal-istess jum, fejn ordnat li jinġabu quddiemha l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "JAC Steel Limited vs Kummisarju tal-Pulizija"[3] degretat fl-14 ta' April, 2015;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-2 ta' Marzu, 2016[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità mħarrka u ħelsitha mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Rat is-sentenza tat-22 ta' Marzu, 2017[5], mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, b'rabta mal-każ mertu ta' din il-kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-meżż tal-affidavit;

Rat l-atti tal-kawża, magħduda wkoll dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 454/2015;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' April, 2018, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar ilment magħmul minn sid ta' inġenju li l-awtoritajiet riedu jelevaw min għand sidu talli nqabad jarmi skart f'post mhux awtoriżżat għal hekk. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Jac") hija sidt ta' gaffa li kienet qiegħda tintuża biex jintrema skart minn ġo fabbrika u nżammet milli tkompli tagħmel dan waqt spezzjoni fuq is-sit minn membri tal-Awtorità mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Mepa") bl-għajnuna ta' membri tal-Korp tal-Pulizija. Jac trid li l-Qorti ssib li t-tehdida tal-elevazzjoni tal-gaffa minn taħt idejha min-naħa tal-imħarrkin, jew ta' min minnhom, saret bi ksur tal-liġi, kienet abbużiva u wkoll tikser il-Kostituzzjoni;

Illi għal din l-azzjoni, il-Mepa laqgħet b'eċċezzjonijiet kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari, qalet li qabel

[3] Rik. Nru. 454/15JRM
[4] Paġġ. 26 sa 33 tal-proċess
[5] Dok. "EQA" f'paġġ. 53 – 7 tal-proċess

ma nfetħet din il-kawża, Jac naqset li tressaq kontriha att ġudizzjarju fi żmien ta' minn tal-anqas għaxart ijiem, u li dan bi ksur tad-disposizzjoni tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2016, l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Mepa ntlaqgħet u hija nħelset milli tibqa' aktar fil-kawża;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija laqa' għall-azzjoni billi qal li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex l-uffiċjali tal-Pulizija wettqu xogħolhom skond il-liġi kif joħorġu mill-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali u mill-Kapitolu 504 kull fejn ikun qed jitwettaq reat. Għalhekk l-egħmil ma kien u la jikser il-liġi ordinarja, la kien qiegħed isir lil hinn mis-setgħat mogħtija mill-istess liġi u wisq anqas kien qiegħed jsir bi ksur tal-Kostituzzjoni. Żied jgħid li, bħala riżultat tal-investigazzjonijiet li saru fuq il-post, irriżulta li kien qiegħed jitwettaq reat bir-rimi ta' materjal ġo sit li jgawdi minn ħarsien ambjentali u l-elevazzjoni tat-tagħmir (il-gaffa) huwa waħda mill-miżuri maħsuba mil-liġi nnifisha taħt ir-Regolament 10(4) tal-Liġi Sussidjarja 504.67 f'ċirkostanzi bħal dawn. Bħala awtorità li tħares u tissorvelja r-rimi ta' skart illegali skond il-Kap 504, l-imħarrek għandu kull setgħa li jara li l-liġi tkun tħarset minn min ikun. Temm jgħid li kienet l-Awtorità mħarrka li talbitu jieħu l-passi meħtieġa biex iressaq lil min kien imdaħħal fir-rimi tal-iskart u li fil-fatt ittieħdu passi kontrihom bil-Qorti;

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li Jac hija sidt il-gaffa tal-għamla "*Fiat Allis*" u tikri mingħand il-kumpannija Malta Industrial Parks Limited (MIP) fabbrika fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, fi Triq Garibaldi, indikata bħala MRA001;

Illi fl-10 ta' Marzu, 2015, kienet saret laqgħa bejn Jac, MIP u l-Mepa dwar kif kellu jsir it-tindif tas-sit li Jac intalbet tnaddaf u x-xogħlijiet li kienu meħtieġa għall-invellar tal-art wara li jitneħħa l-iskart. Skond l-imsemmi ftehim, Jac kellha tforni l-gaffa u ħaddiem minn tagħha biex iħaddem il-gaffa u x-xogħol isir taħt id-direzzjoni ta' MIP;

Illi, fuq talba tal-istess MIP, Jac bdiet tnaddaf sit ta' art li kien jagħmel minn fabbrika oħra taħt it-tmexxija ta' MIP fis-17 ta' Marzu. Fuq dan is-sit mitluq kien hemm kwantità ta' skart ta' kull sura, magħduda materjal tal-bini u roti[6];

Illi waqt spezzjoni li kienet qiegħda ssir fuq is-sit, ħareġ li l-iskart kien qiegħed jintefa' fil-wied li jiġi wara l-fabbrika, fl-inħawi taċ-Ċimiteru ta' Santa Marija Addolorata[7], liema wied huwa skedat[8];

---

[6] Ara Dok. "JV1" sa Dok. "JV6" f'paġġ. 18 sa 23 tal-atti tal-Mandat 454/15 JRM
[7] Ara x-xhieda ta' PS1030 Clinton Theuma f'paġġ. 33 – 4 tal-atti tal-Mandat 454/15JRM
[8] Ara x-xhieda ta' Carmel Gafa' f'paġ. 27 tal-atti tal-Mandat 454/15JRM

Illi fuq il-post waslu uffiċjali tal-Mepa u wkoll uffiċjali tal-Pulizija li żammew lil min kien qiegħed iħaddem il-gaffa milli jkompli jitfa' l-materjal fil-wied. Dan għamluh bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 tar-*Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi*[9];

Illi l-ħsieb tal-Mepa kien li l-gaffa tinqabad u tittieħed min fuq il-post[10];

Illi minnufih dak inhar stess, Jac ressqet talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, liema talba ntlaqgħet provviżorjament. It-talba ntlaqgħet b'mod definittiv b'degriet tal-14 ta' April, 2015. Il-gaffa għaldaqstant qatt ma nġarret minn fuq il-post għaliex ġiet milquta mill-Mandat[11];

Illi b'ittra tas-26 ta' Marzu, 2015, Mepa bagħtet titlob lill-Kummissarju mħarrek biex imexxi ("*letter to prosecute*"[12] ) kontra min kien imdaħħal fir-rimi tal-iskart hemmhekk[13];

Illi l-Pulizija ħadet passi kriminali kontra s-sidien tal-gaffa u persuni oħra nvoluti fuq il-post[14];

Illi Jac fetħet din il-kawża fl-4 ta' Mejju, 2015;

Illi fit-22 ta' Marzu, 2017[15], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali sabet ħtija fil-konfront ta' Christian Cucciardi u Salvu Briffa, liema sentenza ġiet appellata. Is-sidien tal-gaffa ma nstabux ħatja tal-akkużi mressqa kontrihom;

Illi għal dak li jirrigward <u>l-aspetti legali marbutin mal-każ</u>, it-talba attriċi hija biex tinstab ħtija fl-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija meta ttanta jieħu "pussess" ta' gaffa proprjetà tagħha[16], billi fi kliemha, hija ma kienet qiegħda tagħmel ebda attività bi ksur tal-liġi u l-egħmil tal-Kummissarju jmur lil hinn mis-setgħa li tagħtih il-liġi. Tul is-smigħ tal-kawża u aktar tard fl-istadju tat-trattazzjoni, Jac bdiet tixli lill-Kummissarju mħarrek li kellu ħsieb ulterjuri wara l-ippossessar tal-gaffa, jiġifieri dik li "jikkonfiskaha" u mhux biss biex jelevaha bħala eżebit fil-proċeduri kriminali li tnedew mill-Pulizija fuq talba tal-Mepa;

[9] A.L. 344/2005 (L.S. 504.67)
[10] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella mogħtija fil-kontro-eżami f'paġ. 73 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda tal-ispettur Jurgen Vella f'paġġ. 42 – 3 tal-proċess
[12] Ara Dok. "KP" f'paġġ.18 – 9 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella f'paġ. 38 tal-atti tal-Mandat 454/15JRM
[14] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella f'paġ. 44 tal-proċess
[15] ***Il-Pulizija vs. Christian Cucciardi et***
[16] Ara l-ewwel talba attriċi

Illi, min-naħa l-oħra, il-Kummissarju mħarrek jgħid li rappreżentanti ta' Jac tabilħaqq tressqu mixlija b'reat marbuta ma' ksur tar-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi. Jgħid ukoll li huwa mexa mas-setgħat mogħtija lilu mil-liġi;

Illi l-Pulizija bis-saħħa tal-liġi ġenerali, għandha d-dmir li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja[17]. Il-Pulizija għandha wkoll is-setgħa li taqbad oġġett minn ġo lokal kemm-il darba jkollha għaliex raġonevolment taħseb li l-oġġett, fost affarijiet oħra, ikun prova dwar xi reat[18]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Pulizija tista' żżomm l-oġġett maqbud biex jinġieb bi prova f'kawża jew għal skop ta' eżamijiet ulterjuri fuqu, jew għal skop ta' investigazzjoni[19];

Illi mhux kontestat li huwa reat li persuna tarmi, titfa', tħalli, jew xort'oħra tqattar jew tiddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess, sakemm dak id-depożitu u t-tħollija ma jkunux awtorizzati b'liġi[20]. Il-liġi wkoll tgħid li jekk xi vettura, karettun jew tagħmir ieħor ġie użat fl-egħmil ta' reat kontra d-disposizzjonijiet tas-sub-regolament (3) tar-regolament 10 tal-A.L. 344/2005, il-qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni u b'żieda għall-piena preskritta fis-sub-regolament (3) tal-imsemmi regolament, tordna l-qbid ta' dik il-vettura, karettun jew tagħmir ieħor użat għall-fini ta' dan ir-regolament[21];

Illi f'każ ta' reat kontra r-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi, kif ukoll taħt il-liġi ġenerali, il-Pulizija m'għandha ebda setgħa li tikkonfiska vettura jew oġġett ieħor maqbud minnha;

Illi f'kawża ta' din ix-xorta, il-piż tal-prova li l-ordni mogħti mill-Kummissarju mħarrek kien wieħed abbużiv jaqa' fuq min jallega. L-intimat ħa atteġġament attiv matul is-smigħ tal-kawża billi ressaq provi biex imeri jew ixejjen ix-xiljiet miġjuba kontrih minn Jac;

Illi dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi u s-setgħat li hija tagħti lill-Pulizija, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-rimi ta' skart industrijali fl-ambjent, irid jitqies fil-qafas tal-azzjoni li Jac fetħet kontra l-Kummissarju. Hija ssejjes l-ewwel talba tagħha fuq ix-xilja li l-Kummissarju mexa lil hinn mis-setgħat li tagħti l-liġi, li mexa b'mod abbużiv u li kiser il-Kostituzzjoni;

[17] Art. 346 tal-Kap. 9
[18] Art. 355P tal-Kap. 9
[19]Art. 355S(2) tal-Kap. 9
[20] Regolament 4 tal-A.L. 344/2005 (L.S. 549.40)
[21] Regolament 10(5) tal-A.L. 344/3005

Illi mill-provi li tressqu fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ssib li x-xilja ta' Jac ma tirriżultax minnha. Mix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Jurgen Vella, joħroġ ċar li l-Pulizija tat assistenza fuq talba li saritilhom mill-Mepa, u qabel ma Jac mexxiet b'talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, il-fehma tal-Kummissarju mħarrek kienet dik li jeleva l-gaffa[22] u mhux li jagħmilha b'tiegħu jew jikkonfiskaha. Jirriżula wkoll li, wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, il-gaffa tħalliet fuq il-post u ġiet rilaxxata favur Jac, filwaqt li l-Pulizija kompliet bil-ħruġ tal-akkużi kriminali kontra persuni li nstabu fuq il-post fil-jum tal-inċident[23] u bit-tmexxija tal-każ quddiem il-Qorti kompetenti;

Illi meta l-Qorti tiżen dawn iċ-ċirkostanzi li jirriżultaw, hija tasal għall-fehma li Jac ma seħħilhiex turi fi grad xieraq ta' prova għal proċedura bħal din, li l-fehma tal-Kummissarju mħarrek meta aċċeda fuq il-post biex jieħu pussess tal-gaffa kienet dik li jikkonfiskaha;

Illi b'ħarsien ta' dak li jiddisponi l-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jingħad li l-elevazzjoni tal-gaffa għal għanijiet ta' tmexxija 'l quddiem tal-kawża kienet imwettqa minn awtorità pubblika li mhix dik li taħseb il-liġi[24]. Lanqas ma jista' jingħad li l-Kummissarju naqas b'xi mod milli jħares jew kiser xi wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali jew kiser xi ħtieġa proċedurali mandatorja fit-twettiq tal-egħmil li Jac tilminta minnu[25]. Tajjeb li jingħad li meta Jac talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Kummissarju mħarrek, dan kien bil-għan speċifiku li huwa ma jikkonfiskax il-gaffa. B'ħarsien sħiħ tal-ordni mogħti mill-Qorti meta laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, il-Kummissarju ma għamel xejn aktar dwar il-gaffa li biha seta' jikser dak l-ordni. Hawnhekk ukoll joħroġ li x-xilja li l-Kummissarju mħarrek seta' b'xi mod mexa b'mod abbużiv għal għanijiet mhux xierqa jew minħabba kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti ma treġix[26]. Deher ukoll mill-eżami li l-Qorti għamlet tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi, li dak li l-Kummissarju kien fi ħsiebu jagħmel bil-gaffa kien sewwasew dak li l-liġi tawtorizżah li jagħmel f'ċirkostanzi bħal dawk li ħarġu mill-episodju partikolari u għalhekk ma jista' jingħad lanqas li l-egħmil sar b'xi mod bi ksur tal-liġi[27]. Jac ma wriet bl-ebda mod kif l-egħmil tal-Kummissarju mħarrek jikser b'xi mod il-Kostituzzjoni[28];

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ewwel talba attriċi ma hijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt u għalhekk mhix sejra tintlaqa';

---

[22] Ara x-xhieda tal-Ispettur Jurgen Vella f'paġ. 43 tal-proċess. Għal domanda li saret mill-avukat difensur ta' Jac dwar x'intqal lir-rappreżentant tagħha fil-ħin qasir qabel ma nħareġ il-Mandat, l-Ispettur inkarigat wieġeb "*Iva jiena kont infurmajtu (lis-Sur Baldacchino) illi l-gaffa kienet ser tiġi elevata minħabba r-reat li kien sar*".
[23] *Ibid* paġ. 44 tal-proċess
[24] Art. 469A(1)(b)(i) tal-Kap 12
[25] Art. 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12
[26] Art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12
[27] Art. 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12
[28] Ar. 469A(1)(a) tal-Kap 12

Illi ladarba l-ewwel talba mhix se tintlaqa', lanqas it-tieni talba ma jistħoqqilha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** fil-mertu tal-Kummissarju tal-Pulizija; u

**Tordna** lill-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża** magħduda dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-2 ta' Marzu, 2016 .

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**14 ta' Frar, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**14 ta' Frar, 2019**